MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 30/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 26 ta' Lulju 2011 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Matthew Agius |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar l-Erbgha, 20 ta' Lulju 2011. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 29/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Laqgha mal-Korporazjoni ghas-Servizi tal-Ilma.
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet o]ra jekk ur[enti.
9. A[[ornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

**Seduta Nru 30/K6/2011**

**Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 29/K6/2011**

1188. Is-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet.

1189. E Abela qal li minuta numru 1158 hija maqbuza.

1190. E Abela qal li f'minuta 1162, ghanda tizdied sentenza fl-ahhar li tghid "E Abela semma illi ghalkemm mhux Misidjan, xorta ghamel gieh lilu nnifsu. Issugerixxa ukoll li jinghata l-Misidjani'.

1191. E Abela qal li f'minuta 1175, it-tieni paragrafu, ghandu jigi jaqra "Is-Sindku kompla li wara li gew evalwati it-tenders **mill-Kumitat**, u wara l-pariri li ttiehdu mid-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment ghal Gvern Lokali, u l-avukat tal-Kunsill, l-offerti ta' CA Refuse Collection u tas-Sur Michael MIzzi gew skwalifikati peress li ma jissodisfawx kriterji amministrattivi."

1192. Dwar minuta 1178, E Brincat qal li kien huwa li propona it-tournament u mhux is-Sindku.

1193. Is-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti gew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

**Punt 2 Materji mill-Minuti**

1194. Dott. Grima talab sospensjoni tal-Agenda sabiex ikun jista jitkellem dwar materji li graw fil-jiem tal-festa, b'referenza ghal minuta 1175.

Il-Kunsill qabel.

Dott. Grima qal li fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista intqal diskors li jmur kontra ghal dak li gie approvat f'minuta 1175, li issa giet approvata mill-Kunsill fl-ewwel punt tal-Agenda ta' llum.

Dott. Grima qal li l-Kunsill ghandu Kumitat ghall-Offerti Publici, fejn dan il-Kumitat segwa procedura twila li involviet fost l-ohrajn diversi laqghat, hekk kif ukoll ko-ordinament mal-avukat tal-Kunsill, id-Dipartiment ghal Gvern Lokali u d-Dipartiment tal-Kuntratti. Dott Grima kompla billi qal li dan il-Kumitat hu kompost min hames Kunsilliera, fosthom is-Sindku bhala Cermen. Filfatt, il-minuta 1175 tghid 'il-Kumitat ma qabilx'.

Dott. Grima qal li fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista kien hemm persuna li issottometta offerta ghal dan il-kuntratt, u dan beda jghid li kien gie infurmat li l-kuntratt ma riedx itihulu Dott. Grima.
Dott. Grima qara minuta 1175.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Dott. Grima qal li dan il-persuna beda jghid, li huwa kien il-percimes biex is-Sur Mizzi ma jinghatax il-kuntratt ghal-gbir ta' skart domestiku.
Dott. Grima qal li d-decizjoni ittiehdet mill-Kumitat kollhu, b'mod unanimu, u dan wara hafna ko-ordinament kif diga msemmi. Huwa qal li dawn l-affarijiet qatt ma saru fil-Kunsill Lokali Msida, li xi Kunsillier jew Sindku imorru fil-Kazin u jghid kliem b'iehor.

C Selvaggi qal li filfatt Dott. Grima kellu jircievi telefonata min membri tal-Kazin, fejn infurmawh biex ma jmurx il-Kazin minhabba t-tgheddid ta' din il-persuna.
C Selvaggi hawn ikkonferma illi din id-decizjoni ittiehdet mill-Kumitat kollhu, kif gie approvat fil-minuti.
Dott. Grima qal li huwa hazin hafna li xi persuna fuq din il-mejda mar jimla ras xi hadd biex jidher helu mal-familja tieghu, biex umbghad huwa kien ser jirriskja jaqla xebgha.

Is-Sindku qal li huwa filfatt ghamel min kollox biex il-process tal-aggudikazjoni ikun wiehed trasparenti u legali, fejn fosthom kif diga msemmi, sar ko-ordinament mad-Dipartimenti varji u l-avukat tal-Kunsill.

C Selvaggi qara l-email li bghat l-avukat tal-Kunsill, fejn l-avukat informa lill-Kunsilliera kollha li waqt il-process tal-agudikazjoni, hadd ma ghandu jghamel kuntatt ma' min ikun issottometta offerta.
C Selvaggi qal biex tkun registrata fil-minuti min ghamel kuntatt ma xi tenderer waqt il-process ta' qabel l-aggudikazzjoni:
- Dott. Grima, C Selvaggi, M Agius, M Baldacchino Cefai, E Brincat u E Abela ikkonfermaw li ma kellhom ebda kuntatt ma ebda mit-tenderers
- Is-Sindku qal li kien tkellem ma raprezentant ta' CA Refuse Collection fl-ufficju tieghu.

M Agius qal li l-Hadd tal-festa, wara li kienet saret l-aggudikazjoni tal-kuntratt mill-Kunsill, kien fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista filghaxija, fejn is-Sur Edgar Fava u Sur Paul Dimech sejhulu biex imur ikellem persuna li kellha xi kwistjoni fuq tender.

M Agius qal li huwa kellem lil dan il-persuna, fejn dan saqsieh il-ghala ma kienx inghata t-tender, meta tieghu kienet l-irhas offerta. M Agius spjegalu li l-ghazla tal-Kunsill kienet ibbazata fuq rakkomandazjoni tal-Kumitat Offerti Publici li huwa kompost min hames Kunsilliera, li fosthom hemm ukoll Dott. Carmelo Grima.

Malli qallu hekk, kompla M Agius, il-persuna qaltlu l-kliem: 'u zgur, jiena naf li dan qed ifotti mal-Kunsilliera tal-Labour kontra s-Sindku, ghax is-Sindku qalli'.

M Agius kompla billi qal li ftit wara huwa cempel lill-Dott. Grima u infurmah b'dak li kien gara.

Is-Sindku iddisasocja min dan il-kliem, fejn stqarr li dan id-diskors huwa qatt ma qalu. Is-Sindku qal li din il-persuna kienet ix-xatt waqt il-Gostra, u setghu gew ikelmuhom hemm.

Dott. Grima qal li dan li qed jigri mhux sew.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Is-Sindku qal li Dott. Grima missu ghamel rapport mal-Pulizija jekk hassu mghedded. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ikun warajh f'din l-azzjoni.

E Brincat qal li wara dan kollhu, issa huwa ukoll qed jibza, specjalment ghal familja tieghu, peress li din il-persuna tghix warajh.

Is-Segretarju Ezekuttiv hawn intervjena ghax hass li kellu jitkellem fuq affarijiet li irraporta diga lill-avukat tal-Kunsill u lid-Dipartiment, peress li dawn jghatu ukoll kontribut ghal din id-diskussjoni.

Is-Segretarju qal li haga simili grat mat-tenderer CA Refuse Collection.
Is-Segretarju qal li wara li saret l-ghazla tal-kuntratt, ircieva telefonata mis-Sindku nhar is-27 ta' Gunju 2011 ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija. Hawn is-Sindku infurmah li kien kellmu raprezentant tas-CA Refuse Collection, fejn dan infurmah li kien ser jappella mid-decizjoni tal-Kunsill, fejn ukoll saqsieh il-ghala ma kienetx intghazlet l-offerta tieghu.

Fit-telefonata s-Sindku kien qal lis-Segretarju li t-tenderer qallu li kien saqsa lill-istess Segretarju kif ghandu jappella. Jiena, bhala Segretarju Ezekuttiv, innegajt li dan il-persuna kien kellimni, u filfatt irrapurtajt dan kollhu f'ittra lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali nhar it-28 ta' Gunju. Kull ma kien saqsieni t-tenderer huwa li jkollu kopja tal-lista bil-prezzijiet sottomessi, u jien tajtielu kif inhu dmir tieghi.
Fit-telefonata mas-Sindku, is-Segretarju fakkar lis-Sindku ghaliex il-Kumitat ma kienx accetta l-offerta ta' CA Refuse collection, u dan ghaliex ma kienx issottometta Bank Reference kif rikjest fid-dokument tat-tender.

L-ghada, kompla is-Segretarju, voldieri, it-28 ta' Gunju, ircievejt telefonata min certu Simon mill-Bank of Valletta, fejn dan qallu li kellu quddiemu raprezentant tas-CA Refuse Collection. Ir-raprezentant tal-Bank qallu li dan il-klijent kien gie infurmat mill-Kunsill Lokali biex il-Bank of Valletta jerga johrog Bank Reference gdida, peress li dik li kien issottometta kienet hazina.
Jiena hawn infurmajt lir-raprezentant tal-Bank illi l-Kunsill qatt ma seta' u qatt ma talab biex dan isir. Infurmajt lil-Bank of Valletta li dan il-persuna gie skwalifikat u ghaldaqstant ma kelli bzonn xejn mill-Bank.

Is-Segretarju ikkonkluda li dan kollhu gie rappurtat lid-Direttur tal-Gvern Lokali f'email illi huwa bghat nhar it-28 ta' Gunju 2011.

Is-Sindku qal li huwa tkellem ma' raprezentant tas-CA Refuse Collection fl-ufficju tieghu wara li inghatat l-offerta, fejn dan qallu li kien tkellem mas-Segretarju biex ifhemu kif ghandu jappella.
Is-Segretarju Ezekuttiv rega innega li dan sehh. Is-Segretarju qal li kull ma kien talbu ir-raprezentant huwa il-lista tal-prezzijiet.
Is-Segretarju qal li hija stramba kif l-ewwel dan it-tenderer ma kienx jaf il-ghala ma giex mghazul, u l-ghada wara l-laqgha mas-Sindku, mar il-Bank of Valletta jitlob l-bank reference gdida.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

M Agius saqsa saritx investigazjoni mil-Kunsill Lokali. Is-Segretarju qal li rraporta lid-Dipartiment, izda jidher li d-Dipartiment ma ghamel xejn.
Dott. Grima qal li d-Dipartiment ghal Gvern Lokali u/jew l-Pulizija ghandhom jinvestigaw.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li meta intbghatu l-ittri lit-tenderers li ma kienux gew accettati dawn ma kienux gew infurmati bil-miktub ghala l-offerta taghhom ma gietx mghazula. Xorta wahda jidher, mid-diskors kollhu li intqal, li xi hadd infurmhom it-tnejn li huma il-ghala ma gewx mghazula.

M Baldacchino qalet li hija ma taf l-ebda min dawn iz-zewg persuni u qatt ma kelmithom.

M Agius u C Selvaggi qablu li din il-kwistjoni tigi investigata mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali.
Is-Segretarju qal ma jahsibx li huwa kompitu tad-Dipartiment li jinvestiga dan bil-mod kif jixtiequ il-Kunsilliera.

Il-Kunsill qabel li jintalab parir lid-Dipartiment kif din il-materja ghanda tigi investigata, u jekk diriguti mid-Dipartiment, ghandu isir rapport mal-Pulizija.

1195. Dwar minuta 1152(a), is-Sindku qal li bghat l-ilmenti tal-Kunsilliera lill-Ispettur tal-Ghassa. L-Ispettur ma tahx laqgha ghal dax-xahar. E Brincat qal li dan jista jkun ghax l-Ispettur impenjat bil-festi bhalissa.

1196. Dott Grima saqsa kienx hemm zviluppi fuq minuta 1152(b), dwar il-bye-law tal-Iskall. Is-SIndku qal li saret laqgha ma raprezentanti tal-Ministeru u l-Ghaqda tas-Sajjieda. L-emendi li gew proposti mil-MRRA gew approvati mill-Kunsill.

1197. Dwar il-laqgha mal-Misitru tal-Edukazjoni msemmija f'minuta 1154, M Agius qal li il-laqgha giet mressqa ghal-1 ta' Awwissu fl-erbgha ta' waranofsinar.

1198. Dwar miunuta 1155, is-Sindku qal li kiteb lil GreenMT diversi e-mails sabiex il-Kunsill jinghata boroz ghal kampanja tar-riciklagg. Sa llum ghadna bla twegiba. Il-Kunsill qabel li nergghu niktbu lill-GreenMT. FUq nota ohra, is-Segretarju qal li l-fuljett informattiv dwar il-bdil tad-dati ta' gbir ta' skart ser jibda jitqassam min ghada.

1199. Dwar minuta 1157, is-Sindku saqsa kienetx waslet l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Segretarju wiegeb fin-negattiv.

1200. Dwar minuta 1161, M Baldacchino qalet li l-attivita saret *within budget*.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1201 (a) B'referenza ghal minuta 1163, Dott. Grima qal li l-bankina tlestiet, izda il-kuntrattur nehha il-*planters*. Dott. Grima qal li dawn ghandhom jergghu isiru. Is-Sindku qal li jistghu isiru, basta mhux fil-kantunieri, biex tinzamm is-sigurta ghal min ikun ser jaqsam it-triq. E Brincat u Dott. Grima qablu li jiltaqghu fuq il-post, u jiftehmu x'ghandu isir.

1201 (b) Is-Segretarju qal li attenda ghal laqgha ma raprezentanti ta' Transport Malta, fejn gie diskuss ir-rimbors tal-ispejjez li qed isiru fi Triq Principessa Margerita. Is-Segretarju qal li l-proposta li huwa iddiskuta tinvolvi li l-Kunsill ihallas biss ghax-xoghol tal-ilma u spejjez ta' perit. Transport Malta umbghad, tirrifondi l-ispejjez tal-bankina u it-triq lill-Kunsill f'zewg pagamenti separati, wiehed f'Dicembru 2011 u iehor f'Dicembru 2012. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

Is-Segretarju fakkar li il-proposta ghada trid tigi approvata mid-Direttur ta' Transport Malta.

1201 (c) E Brincat qal li mhux sew li l-Perit tal-Kunsill ilhu aktar min gimgha biex jiftihem mal-kuntrattur dwar *deadlines* ghax-xogholijiet tat-toroq. E Brincat ressaq biex isir meeting mal-kuntrattur ha nehilsu.

1201 (d) M Agius qal illi ghandna ukoll niktbu ittra lir-residenti ta' Triq Victor Denaro biex nispjegaw x-xoghol li qed isir u kemm ser idum.

1202. Dwar minuta 1164, E Abela ressaq biex tinkiteb ittra lill-Kappillan biex ihabbar il-ftuh tad-Day Centre. E Brincat propona li tinkiteb ukoll lill-Kappilan tas-Swatar. Il-Kunsill qabel.

1203. E Brincat saqsa jekk intbghatitx l-ittra msemmija f'minuta 1166. Is-Segretarju wiegeb fil-pozittiv.

1204. Dwar minuta 1174, M Baldacchino saqsiet f'hiex wasal il-process tal-ghazla ghal skrivana. Is-Segretarju qal li l-ETC bghatu it-tieni lista ta' applikanti, u li issa ghandhom isiru l-intervisti mal-kandidati.

1205. Dwar minuta 1178, E Brincat qal li huwa kien informa lill-Kunsilliera kollha biex jattendu ghat-tournament tal-futbol. M Agius rringrazzja lil E Brincat.

1206 (a) Dwar minuta 1185, Dott. Grima saqsa kienx mexa kollox sew waqt il-festa.

Is-Segretarju irrimarka li sfortunatament jidher li hux kollox mexa kif suppost. L-ewwel nett, nhar ta' Gimgha15 ta' Lulju, sghatejn qabel ma ghalaq l-ufficju, l-Ispettur gie infurmah dwar tibdiliet li kellhom isiru fil-permessi tal-kiosks minhabba bejgh tal-alcohol.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Is-Segretarju qal li ma kien felici xejn li qed jigi infurmat fl-ahhar gurnata xoghol qabel jibda il-weekend tal-festa, u dan sghatejn biss qabel jghalaq l-ufficju, wara li kienu diga inhargu l-permessi kollha.
Ma kienx kuntent l-aqqas li din il-laqgha kellhu jghamila wahdu mal-Ispettur, ghax is-Sindku kien ghadu kif telaq mill-ufficju, u dan avolja is-Segretarju kien infurmah li kien gej l-Ispettur biex ikellimna.

L-Ispettur infurmani li huwa kien diga tkellem mas-Sindku dwar il-bzonn ta' dawn it-tibdiliet fil-permessi xi erbgha t'ijiem qabel.
Is-Segretarju qal li qatt ma kien infurmat dwar dan kollhu mis-Sindku.

F'temp ta' sghatejn l-haddiema tal-ufficju kellna incemplu lil kiosks kollha li kienu applikaw u nbidlulhom il-permessi.

Fuq nota ohra, l-Ispettur informa lis-Segretarju dak il-hin stess, li l-Pulizija mhix ser tohrog permessi ghal barijiet u jekk irid johroghom il-Kunsill Lokali. Jiena ma kontx felici l-anqas hawn li kont qed nigi infurmat l-ahhar minuta. L-Ispettur rega qalli li kien diga informa lis-Sindku dwar dan.

Ghaldaqstant, kompla s-Segretarju, la d-decizjoni tal-Kunsill kienet li ma jinhargux permessi ghal bars godda, huwa ma hareg l-ebda permess ta' barijiet. Ghaldaqstant, il-bars kollha li kienu armati fil-festa kienu kollha bla permess.

Is-Segretarju kompla li l-Ispettur kien infurmah li ma kienx ser ikollu Pulizija bizzejjed biex idur il-permessi tal-gabbani, u ghaldaqstant, dawn l-hwejjeg kollha illegali ma gewx mwaqqfa.

1206 (b) C Selvaggi qal li kien hemm wiehed armat bla permess ibiegh il-gugarelli fejn il-Knisja, fejn dan beda jitfa botti fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista ma nies ta' konoxjenza tieghu illi "dak ma jasalx". Dan beda jirreferi biex jinhariglu permess vicin il-Knisja.

Is-Segretarju qal li dak il-persuna ma kellux permess, ghax meta gie japlika is-Segretarju qallu li kif inhi il-procedura l-post tieghu jigi fuq wara ta' Triq ix-Xatt ta' Xbiex. L-aplikant ma kienx kuntent u allura ma aplikax.
C Selvaggi qal li l-applikant qal lil persuna ta' konoxjenza tieghu fil-kazin li huwa kien inghata permess bil-fomm biex jarma fejn il-Knisja.

C Selvaggi saqsa jekk xi Kunsillier kienx kellem lil dan il-persuna.
Is-Sindku qal li din il-persuna kienet cemplitlu u bghatu japplika l-ufficju tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lil Ministeru tal-Intern u lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar in-nuqqas ta' servizz li qed jinghata fil-lokal mill-Pulizija.

**Punt 3 Korrispondenza**

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1207. Il-laqgha giet sospiza. Hin: 19.53

1208. Il-laqgha kompliet. Hin: 20.01

1209. 0994 – Is-Segretarju qara l-korrispondenza u informal il-Kunsill li qed jiehu hsieb din il-materja mal-avukat tal-Kunsill.

1210. 0997 – Is-Sindku qara' l-ittra. Il-Kunsill qabel li ma jingabarx skart min dawn l-istabilmenti kummercjali, u li dawn ghandhom jibdew jigu infurmati permezz ta' ittra.

**Punt 5 Laqgha mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

1211. Is-Sindku qal li ghamel laqgha mas-CEO tal-Korporazzjoni hekk kif ukoll mal-Inginjier Curmi fejn gie diskuss it-tindif li hemm bzonn isir fil-gibjuni ta' Triq il-Wied, il-bzonn ta' manteniment fuq il-medded ta' drenagg fi Triq ix-Xatt u Triq il-Wied, hekk kif ukoll l-izbroff ta' drenagg u tindif tal-Ghajn tal-Hasselin.

**Punt 6 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet**

1212. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet ghall-approvazjoni.

1213. Dwar pagament 32, il-Kunsill qabel li ghandu jithallas, basta il-persuna tghamel rapport l-Ghassa.

1214. Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet. Il-lista giet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv, Dott. Grima u E Brincat.

**Punt 7 Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati**

1215. Is-Sindku, bhala Cermen tal-Kumitat Offerti Publici, qal li nfethu t-tenders ghas-Servizz ta' tindif tal-latrini publici u ghas-servizz ta' accountant. Is-Sindku ressaq biex il-Kumitat Offerti Publici jiltaqa ghada stess fil-12.30pm.

**Punt 8 Affarijiet ohra jekk urgenti**

1216. E Brincat qal li sar qbil li ghanda ticcaqlaq is-*sleeping police* fi Triq Indri Grima, hekk kif ukoll biex isiru tabelli tal-limitu ta' velocita fit-triq. Ic-Chariperson tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar ikkonfermat.

1217. M Baldacchino qalet li l-attivita tal-Gostra organizzata mil-Kunsill marret tajjeb ferm. Hi qalet li s-sena id-diehla il-Kunsill missu ukoll igib Ambulanza.

1218. M Baldacchino qalet li dahlu diversi ilmenti dwar is-servizz gdid ta' Trasport Pubbliku. Il-Kunsill qabel li l-ilmenti jingabru u jintbghatu f'rapport lill-Arriva u Transport Malta, hekk kif ukoll nitolbu ghal laqgha dwar dan.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1219. M Baldacchino qalet li issa gie deciz il-kuntratt il-gdid tal-wardens mill-Kumitat Regjonali u ser isiru laqghat mal-Kunsilli diversi sabiex jigu stabiliti id-diversi problema ta' kull localita.

1220. M Baldacchino qalet li attendiet ghal laqgha li saret mal-Kunsilli dwar il-manteniment tal-playingfields. Ser tghamel laqgha mas-Segretarju u Contracts Manager sabiex jigu spjegati certi dettalji godda kif ghandu isir il-manteniment.

1221. C Selvaggi irrefera ghar-rapport li sar mis-Segretarju Ezekuttiv dwar l-uzu tas-Sala tal-Anzjani biex isir tghalim ta' zfin. C Selvaggi qal li hadd mill-Kunsilliera ma kien infurmat dwar dan, u din il-materja qatt ma kienet giet diskussa fil-Kunsill.

C Selvaggi saqsa lis-Sindku x'kienet ir-risposta tieghu lid-Dipartiment.
Is-Sindku qara ittra li bghat id-Dipartiment, fejn id-Dipartiment informa lill-Kunsill li ma kien sab l-ebda irregolarita.

C Selvaggi qal li d-Dipartiment ma sab l-ebda irregolarita ghax ir-risposta tas-Sindku ma kienetx veritiera.
Is-Segretarju qal li huwa jaf x'qed jghamel meta irraporta, u din il-materja la qatt kienet approvata mill-Kunsill u wisq anqas huwa kien infurmat illi ser jidhlu xi nies fl-ufficju tal-Kunsill wara l-hin tal-ftuh.
Is-Segretarju kompla billi qal li sa illum il-gurnata c-cavetta li inghataw dawn in-nies mis-Sindku ma gietx ritornata lilu. Is-Sindku qal li c-cavetta li kellhom kienet tieghu, fejn hu kien sellifielhom. Din inghatatlu lura.

Il-Kunsill qabel li s-Sindku jibghat lill-Kunsilliera r-risposta ufficjali tieghu li kien bghat lid-Dipartiment.

C Selvaggi saqsa lis-Sindku jekk kienx hu li rranga, wara r-rapport tas-Segretarju, biex dawn il-persuna jmorru jitghalmu z-zfin fl-iskola Primarja, liema persuni ghadhom jizfnu fl-iskola sa llum, wara li l-attivita tal-banda issa ilha li spiccat.
Is-Sindku innega li huwa kellhu x'jaqsam biex jirrangalhom biex jizfnu l-iskola.

M Agius kompla billi qal li huwa attenda ghas-serata msemmija, u ikkonferma li fis-serata ma sar l-ebda zfin, kif is-Sindku qal lid-Dipartiment.
C Selvaggi qal li ma jistax ikun li jekk xi hadd ifettillu, joqod iqassam ic-cavetta tal-Kunsill.
M Agius zied illi meta kienet saret laqgha bejn is-Sajjieda fl-ufficju tal-Kunsill, din kienet bl-approvazzjoni unanima tal-Kunsill u huwa kien fetah b'cavetta li kien ha mil-Kunsill. Huwa kien fetah huwa stess, baqa prezenti waqt il-laqgha u irritorna c-cavetta lura l-Kunsill l-ghada.

Dott. Grima qal lis-Sindku irazzan dan l-attegjament tieghu ghax ser ifarrak Kunsill. Il-Kusilliera tal-Partit Nazzjonalista qalu li huma qatt ma kienu infurmati b'dak kollhu li s-Sindku kiteb bhala twegiba lid-Dipartiment.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

**Punt 9 Aggornament**

1222. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Awissu 2011.

1223. Il-laqgħa ntemmet. Hin: 20.35

Approvati llum ________________________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com